MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH R. MICALLEF

Seduta ta' l-24 ta' Ottubru, 2007

Citazzjoni Numru. 886/2007

**Bank of Valletta p.l.c**

**vs**

**Roger u Maria Concetta mizzewgin Mangion**

## Il-Qorti:

Rat ir-rikors maħluf imressaq fit-23 ta’ Awissu, 2007, li bih il-bank rikorrent, għar-raġunijiet fih imsemmija, talab lill-Qorti tikkundanna lil Roger u Maria Concetta miżżewgin Mangion jħallsu lis-soċjeta attrici s-somma ta’ sittax-il elf, tmien mija u sitta u għoxrin Liri Maltin u tlieta u għoxrin ċentezmu (Lm16,826.23) bilanċ għad-debitu fil-“Loan Account” ta’ Roger u Maria Concetta miżżewgin Mangion mal-Bank of Valletta p.l.c. flimkien ma’ l-imgħax ulterjuri mit-13 t’Awissu 2007 sad-data ta’ l-effettiv pagament;

Bl-ispejjeż komprizi dawk ta' l-ittra ufficjali datata fis-16 t'Awissu 2005 u tal-Mandati ta' Sekwestru u ta' Qbid li qed jiġu preżentati kontestwalment kontra l-konvenuti.

Rat in-nota mressqa mill-intimati fis-6 ta' Awissu, 2007 li biha ammettaw it-talbiet kif dedotti fir-rikors;

Billi mill-ammissjoni tal-intimati, it-talbiet dedotti fir-rikors jirriżultaw pruvati.

Fuq ammissjoni tal-intimati tiddeċiedi billi tilqa' t-talbiet tal-Bank rikorrent kif dedotti fir-rikors bl-ispejjeż kontra l-intimati, u bl-imgħaxijiet legali ulterjuri b'effett mit-13 ta' Awissu, 2007, sal-jum tal-ħlas effettiv.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------